A.L. 105 ta' l-1988

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għad-Diploma fit-Teoloġija Pastorali (Dipl. Past Th.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Pro-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ipromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat moghtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għad-Diploma fit-Teoloġija Pastorali u għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew fi jew wara 1987.

Dħul

1.1 Biex kandidat jiġi ammess għall-kors fit-Teoloġija Pastorali:

(a) irid jissodisfa r-regolamenti għad-Dħul ta' Studenti f'din il-Fakultà;

(b) irid ikun temm kors ta' studju fit-Teoloġija f'istituzzjoni rikonoxxuta u meqjusa bħala suffiċjenti mill-Bord tal-Fakultà.

1.2 Biex kandidat ikun eliġibbli għall-għoti tad-Diploma fit-Teoloġija Pastorali (Dipl. Past. Th.) għandu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha miġjuba f'dawn ir-Regolamenti.

Kors ta' Studju

2.1 Il-kors ta' studju li jwassal għad-Dipl. Past. Th. għandu jitqassam fuq perjodu ta' l-anqas ta' żewġ semestri u mhux aktar minn erbgħa.

2.2 Il-kors ta' studju jkun jikkonsisti f'għadd ta' *study-units* li jingħatalhom kull wieħed għadd speċifikat tà' *credits*. Kull kandidat ikun meħtieġ li jieħu ta' l-anqas 20 *credits*.

2.3 Lista ta' *study-units* bl-għadd ta' *credits* assenjati għal kull wieħed tingħata filbidu ta' kull kors. Din il-lista tispeċifika liema *study-units* huma obligatorji u liema ozzjonali.

2.4 L-*istudy-units* jittieħdu normalment minn korsijiet moghtija mill-Fakultà tat-Teoloġija; imma kandidat jista' jitħalla jieħu *study-unit* wieħed jew aktar f'Fakultà oħra.

Eżamijiet

3.1 Ikun hemm eżami fi tmiem kull *study-unit*. Jekk kandidat jeħel għandu d-dritt ta' riparatorju wieħed li għandu jsir fi żmien sitt xhur.

3.2 Ikun hemm eżami bil-miktub li jikkonsisti f'karta ta' tlett sigħat fi tmiem il-kors ta' l-istudji fuq lista approvata ta' *topics* li trid tiġi pubblikata qabel it-tmiem ta' l-ewwel semestru. Jekk kandidat jeħel f'dan l-eżami, jista jirrepetih darba waħda biss fi tmiem tas-semestru li jkun imiss.

3.3 Kandidat jista' jkun mitlub li jersaq għall-eżami *viva voce* biex jintegra kull eżami bil-miktub.

3.4 Kandidat li hu assenti minn eżami minħabba raġunijiet li m'għandux kontroll fuqhom jista' jitħalla jagħmel l-eżami f'sessjoni aktar tard.

3.5 Kull kandidat ikun meħtieġ li jikteb *Essay* ta' mhux anqas minn 5,000 kelma fuq suġġett approvat taħt it-tmexxija ta' *Supervisor*. L-*Essay* trid titressaq għall-approvazzjoni mhux aktar tard minn tmiem ir-raba' semestru.

Bord ta' l-Istudji

4.1 Ikun hemm Bord ta' Studji mwaqqaf mill-Bord tal-Fakultà għal kull każ tad-Diploma. Dan ikun jikkonsisti ta' l-anqas minn tlett membri regulari ta' l-istaff.

4.2 Il-Bord ta' l-Istudji għandu jorganizza u jħares it-twettieq tal-Kors u jaġixxi bħala Bord ta' Eżaminaturi għall-Eżami bil-miktub fi tmiem il-Kors.